# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 29 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 244/21 JVC**

**L-Avukat Dr Thomas Bugeja bhala mandatarju specjali ta' Olivia Ofer Heuberger (Numru tal-Passaport tar-Renju Unit 555030867)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Thomas Bugeja bhala mandatarju specjali ta' Olivia Ofer Heuberger kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Din l-azzjoni qieghda tigi pprezentata abbazi tal-Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi r-rikorrenti, Olivia Ofer Heuberger kienet imwielda fit-18 ta' Marzu 1986, fi New York, fl-Istati Uniti, u giet moghtija l-isem "Olivia Kate Ofer".

3. Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti u originarjament registrat fi New York, fl-Istati Uniti fit-18 ta' Marzu 1986 bin-nru. 15686106834 (hawn anness u mmarkat bhala Dok. A), r-rikorrenti giet moghtija l-isem giet moghtija l-isem "Olivia Kate Ofer". Dan ic-certifikat tat-twelid qieghed fi process li jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-rikorrent ghac-cittadinanza Maltija.

4. Illi fid-29 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent Olivia Kate Heuberger, dak iz-zmien "Olivia Kate Ofer" izzewget lis-Sur Jacob Heuberger, kif evidenti mic-certifikat taz-zwieg tar-Renju Unit (nru. MXH 652628) (anness u mmarkat bhala Dok. B), liema certifikat taz-zwieg huwa wkoll fil-process li jigi registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-rikorrent ghac-cittadinanza Maltija.

5. Illi permezz tad-*'Deed Poll'*, datata 11 ta' Jannar 2018 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. C) ir-rikorrenti dak iz-zmien imsemmija "Olivia Kate Ofer" bidlet l-isem moghti lilha fit-twelid, ghall-isem prezenti taghha "Olivia Kate Heuberger". Dan id-*'Deed Poll'* kien sussegwentement registrat fit-8 ta' Frar 2018, fl-Ufficju Centrali tal-Qrati Gholja tal-Gudikatura tal-Ingilterra u *Wales* (High Courts of Judicature of England and Wales).

6. Illi minn mindu sehhet il-bidla fl-isem tar-rikorrent permezz tad-*'Deed Poll',* ir-rikorrent Olivia Ofer Heuberger, baqghet tuza dan l-istess isem, liema isem huwa evidenti fil-passaport taghha tar-Renju Unit (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. D).

7. Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-isem gdid taghha, kif registrat permezz tad- *'Deed Poll'* huwa "Olivia Ofer" bhala "l-isem" bhala "il-kunjom", li huwa l-kunjom tal-familja (*family name)* tar-ragel taghha. Dan huwa evidenti mill-Passaport tar-Renju Unit tar-rikorrenti.

8. Illi l-attrici tixtieq illi din il-bidla f'isimha tigi rikonoxxuta gewwa Malta, dan ghaliex il-passaport Malti taghha jigi maghruf bl-isem u l-kunjom taghha kif emendat permezz tad- *'Deed Poll'* liema isem u kunjom gew rikonoxxuti mill-awtoritajiet tar-Renju Unit sa mill-11 ta' Jannar 2018.

9. Illi fir-Renju Unit, kull individwu ghandu d-dritt li b'mod liberu ibiddel isem/ isima u l-kunjom, permezz ta' kuntratt maghruf bhala *'Deed Poll',* u minkejja li m'hemm l-ebda ligi f'dan il-mument li tirregola u tirrikonoxxi dawk id- *'Deed Polls',* fil-Ligi Maltija dawn id- *'Deed Polls'* gew accettati f'Malta b'mod konsistenti fil-prattika u f'decizjonijiet tal-Qrati, peress illi din hija prattika komuni addottata fir-Renju Unit (*Legal Opinion* Ingliza annessa u mmarkata bhala Dok. E).

10. Ghall-kuntrarju tal-ligi Ingliza, l-awtoritajiet Maltin ma jirrikoxxux <u>awtomatikament</u> il-bidla fl-isem u l-kunjom ta' persuna permezz ta' *'Deed Poll'* u huwa ghalhekk illi din l-

Onorabbli Qorti ghandha l-awtorita' u s-setgha illi taghmel dan.

11. Illi ghar-ragunijiet suesposti, dan ir-rikors qieghed jigi sottomess lil dina l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, previa kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna illi din il-Qorti jidrilha li huma xierqa joghgobha:

1. Tordna u tirrikonoxxi illi s-Sinjura Olivia Ofer Heuberger validament bidlet isimha mill-isem precedenti taghha "Olivia Kate" ghal "Olivia Ofer", permezz ta' *'Deed Poll'* data 11 ta' Jannar 2018 ai termini ta' Artikolu 253 *et seq* tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna u tirrikonoxxi illi s-Sinjura Olivia Ofer Heuberger validament bidlet kunjomha mill-kunjom precedenti taghha "Ofer" ghal "Heuberger" permezz ta' *'Deed Poll'* datat 11 ta' Jannar 2018 ai termini ta' Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna illi r-rikorrenti ghandha tigi rikonoxxuta f'Malta bl-isem "Olivia Ofer Heuberger";

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta, jirrifletti dana t-tibdil f'kull document relatat mar-rikorrenti u l-istat civili taghha gewwa Malta, kif applikabbli;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur konvenut li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. Illi fl-ewwel lok, qed ikun irrimarkat illi d-Dokument F ippreżentat mir-rikorrenti u msemmi *Power of Attorney (Prokura ad litem)* in effetti huwa sempliċement affidavit tar-rikorrenti, u għalhekk ir-rikorrent għandu jġib prova tal-prokura li a bażi tagħha kienu istitwiti l-proċeduri odjerni. Fin-nuqqas ta' prova illi l-Avukat Dr. Thomas Bugeja ġie maħtur bħala mandatarju speċjali ta' Olivia Heuberger, l-esponent jeċċepixxi illi Dr. Thomas Bugeja m'għandux interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni u konsegwentement, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fiċ-ċirkostanzi tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala inammissibbli. L-esponent jirriżerva d-dritt illi jqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri mal-preżentata tal-prokura msemmija;

2. Illi in oltre, għandu jingħad li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi preliminarjament, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ odjern saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru ta' Olivia Kate Ofer u flimkien ma' din it-talba, id-Direttur konvenut kien fornut bl-att tat-twelid esteru, liema att jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1'. F'tali każ, l-esponent jissottolinea illi reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244

tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti;

5. Illi kemm mill-att tat-twelid Malti insinwat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li għandu n-numru 2239/2021 u li jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 2', kif ukoll mir-rikors promotur, partikolarment mit-tieni u t-tielet premessa, jirriżulta illi r-rikorrenti ingħatat l-isem Olivia Kate Ofer, u għalhekk ma jistax jingħad illi sar xi żball da parti tad-Direttur intimat;

6. Illi mill-att taż-żwieġ bin-numru 546/2021, hawn anness u mmarkat 'Dok. DRP 3', jirriżulta illi Michael Jacob Heuberger u Olivia Kate Ofer iżżewġu fid-29 t'Ottubru 2017 fir-Renju Unit, u li l-konjuġi għażlu li jużaw il-kunjom Heuberger wara ż-żwieġ. Id-Direttur konvenut kien mitlub jirreġistra l-att taż-żwieġ esteru in kwistjoni u flimkien ma' din it-talba, id-Direttur konvenut kien fornut bl-att taż-żwieġ esteru, liema att jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 4'. L-esponent itenni illi reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili esteru ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti;

7. Illi mir-rikors promotur jidher li permezz ta' *deed poll* datat 11 ta' Jannar 2018, li sussegwentement kien irreġistrat fl-Uffiċju Ċentrali tal-Qrati Għolja tal-Ġudikatura tal-Ingilterra u Wales fit-8 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti bidlet isimha minn Olivia Kate Ofer għal Olivia Ofer Heuberger;

8. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi

sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

9. Illi in vista tas-suespost, l-esponent ma setax jieħu in konsiderazzjoni d-*deed poll* in kwistjoni, stante illi huwa obbligat li jsegwi l-proċedura kif ikkontemplata f'Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrenti, *inter alia*, esebiet mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u dan bl-intiża li ssostni t-talba kif dedotta minnha. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

11. Illi r-rikorrenti qegħda titlob ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti kollha relatati magħha u mal-istat ċivili tagħha ġewwa Malta. Illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

12. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, l-esponent umilment jirrimarka wkoll illi m'għandu jkun ordnat ebda tibdil fil-kunjom, stante illi Heuberger huwa l-kunjom illi r-rikorrenti adottat wara ż-żwieġ, u dan diġa' jirriżulta mill-atti relattivi – vide 'Dok. DRP 3'.

13. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur, li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi saret il-publikazzjoni esebita fl-atti a fol. 37 skont il-Ligi u ghalhekk giet sorvolata t-tieni eccezzjoni tad-Dirttur intimat;

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat, partikolarment rat id-deed poll esebit a fol. 8 tal-process li minnu jirrizulta illi fid-data tal-11 ta' Jannar 2017 ir-rikorrenti bidlet l-isem minn Olivia Kate ghal Olivia Ofer kif ukoll li permezz tal-istess bidlet ukoll konjomha minn Ofer ghal Heuberger;

Rat id-dokumentazzjoni l-ohra kollha li tikkonferma li llum il-gurnata ir-rikorrenti hija maghrufa bl-isem ta' Olivia Ofer filwaqt li hija wkoll rikonoxxuta bil-kunjom ta' Heuberger;

Rat ukoll li ghalkemm Heuberger huwa kunjom tar-ragel tar-rikorrenti u li ghalhekk fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti addottat dan il-kunjom maz-zwieg, rizultat tad-deed poll johrog li hija ddikjarat li qed tassumi l-kunjom Heuberger irrilevantement mal-konnessjoni tal-istess kunjom ma zewgha;

Jirrizulta ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti gew sufficjenrement pruvati u jirrizultaw  gustifikati u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess sakemm dak mitlub huwa fil-poter tad-Direttur intimat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti qed tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara t-tieni eccezzjoni tad-Direttur ntimat sorvolata;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tad-Direttur ntimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tordna u tirrikonoxxi li s-Sinjura Olivia Ofer Heuberger validament bidlet isimha mill-isem precedenti taghha Olivia Kate ghal Olivia Ofer, permezz ta' deed poll data 11 ta' Jannar 2018 u dan ai termini tal-artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tilqa' t-tieni talba u tordna u tirrikonoxxi lis-Sinjura Olivia Ofer Heuberger validament bidlet kunjomha mill-kunjom precedenti taghha Ofer ghal Heuberger permezz ta' deed poll data 11 ta' Jannar 2018 ai termini tal-artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi r-rikorrenti ghandha tigi rikonoxxuta f'Malta bl-isem ta' Olivia Ofer u bil-kunjom Heuberger;

6. Tilqa' r-raba' talba u tordna lil konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jirrifletti dan it-tibdil fid-dokumenti, fil-poter tieghu u cioe' ic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 2239 datat 11 ta' Mejju 2021 u c-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv 546 datat 14 ta' Mejju 2021, tichad it-talba fil-konfront tac-certifikat tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni u passport Malti stante li mhux fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

7. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Lulju 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Lulju 2021**